Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet

# L-GĦAJNUNA UMANITARJA

L-għajnuna umanitarja hija qasam ta' azzjoni esterna tal-UE li jirrispondi għall-ħtiġijiet f'każ ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem. Id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO) tal-Kummissjoni jiffinanzja operazzjonijiet ta' sokkors u jikkoordina l-politiki u l-attivitajiet tal-Istati Membri. Il-Parlament u l-Kunsill jaġixxu bħala koleġiżlaturi fit-tfassil tal-istrateġijatal-UE dwar l-għajnuna umanitarja u jieħdu sehem fid-dibattitu globali dwar azzjoni umanitarja aktar effikaċi.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistabbilixxi l-prinċipji għall-azzjoni esterna kollha tal-UE (l-Artikolu 21(2)(g) ikopri l-azzjoni umanitarja).

L-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa l-bażi ġuridika għall-għajnuna umanitarja.

L-Artikolu 214(5) huwa l-bażi ġuridika għall-ħolqien ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja.

## IL-QAFAS REGOLATORJU U STRATEĠIKU

Ir-regoli għall-forniment tal-għajnuna umanitarja, inklużi l-istrumenti ta' finanzjament tagħha, huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 (ir-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja). Dan ir-Regolament ma kienx ġie emendat meta strumenti oħra ġew riveduti bi tħejjija għall-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013.

Il-qafas ta' politika ġenerali għall-assistenza umanitarja huwa deskritt fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja (2007), iffirmat mit-tliet istituzzjonijiet tal-UE (il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament). Il-Kunsens jiddefinixxi l-viżjoni komuni, l-objettivi politiċi u l-prinċipji tal-UE dwar għadd ta' suġġetti, fosthom: il-kooperazzjoni umanitarja internazzjonali; il-prassi t-tajba fil-qasam tad-donazzjonijiet; it-tnaqqis tar-riskji tad-diżastri u t-tħejjija għalihom; il-protezzjoni ċivili; u r-relazzjonijiet ċivili-militari. Il-Kunsens jirrikonferma wkoll l-erba' prinċipji umanitarji: l-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza. It-test jipprevedi approċċ aktar koordinat u koerenti biex titwassal l-għajnuna, filwaqt li jorbot l-għajnuna umanitarja mal-iżvilupp sabiex l-UE tkun tista' tirrispondi b'mod aktar effikaċi għall-ħtiġijiet li qegħdin jiżdiedu.

## L-ECHO

**A.** Ħarsa ġenerali u impatt

Għall-perjodu 2014-2020 ġew allokati EUR 6.62 biljun għall-istrument għall-għajnuna umanitarja. L-UE hija l-ikbar donatriċi tal-għajnuna umanitarja fid-dinja, billi tipprovdi s-sehem ewlieni tal-finanzjament globali għas-sokkors ta' emerġenza lill-vittmi ta' diżastri kkawżati mill-bniedem u dawk naturali. Parti minn dawn il-fondi jiġu direttament mill-Istati Membri, iżda l-parti l-kbira tiġi mill-baġit tal-UE. Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO) huwa responsabbli mill-assistenza umanitarja u l-protezzjoni ċivili. Christos Stylianides fil-preżent huwa l-Kummissarju responsabbli għall-Għajnuna Umanitarja u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet, u kien il-Koordinatur tal-UE għall-Ebola sa mill-24 ta' Ottubru 2014.

DĠ ECHO kiber matul is-snin u għandu persunal lokali f'aktar minn 40 uffiċċju lokali. Ma jimplimentax programmi ta' assistenza umanitarja huwa stess; minflok, jiffinanzja operazzjonijiet implimentati mis-sħab tiegħu, jiġifieri l-NGOs, l-aġenziji tan-NU u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-kompiti ewlenin ta' ECHO huma li jipprovdi fondi, jivverifika li l-finanzi huma ġestiti tajjeb u jiżgura li l-beni u s-servizzi tas-sħab tiegħu jilħqu l-popolazzjonijiet milquta b'mod effettiv u rapidu sabiex jirrispondu għal ħtiġijiet reali.

Wara li jseħħ diżastru naturali jew fenomenu ieħor li jkun jeħtieġ assistenza umanitarja, l-esperti tal-għajnuna umanitarja ta' ECHO jwettqu valutazzjoni inizjali tas-sitwazzjoni fuq il-post. Sussegwentement il-fondi jingħataw mingħajr telf ta' żmien abbażi ta' din il-valutazzjoni – dan huwa l-"approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet" li jiddefinixxi l-ħidma ta' ECHO. L-għajnuna tiġi mgħoddija permezz ta' aktar minn 200 sieħeb – inklużi l-aġenziji tan-NU, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) u l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar/tan-Nofs Qamar l-Aħmar – li magħhom ECHO ffirma ftehimiet kuntrattwali *ex ante*. L-istruttura ta' ECHO tiżgura li l-fondi jintużaw b'mod trasparenti u li s-sħab jinżammu responsabbli għall-operat tagħhom.

Fl-2017 ECHO impenja EUR 1.5 biljun f'assistenza umanitarja u protezzjoni ċivili biex jgħin persuni f'aktar minn 94 pajjiż. Dan l-ammont jirrifletti l-impenn kostanti tal-Kummissjoni Ewropea biex tirreaġixxi għall-ħtiġijiet globali eċċezzjonalment kbar, prinċipalment ikkawżati minn diversi kunflitti mtawla u n-numru rekord ta' aktar minn 60 miljun persuna spostati b'mod furzat madwar id-dinja. Fi snin reċenti, il-baġit umanitarju inizjali tal-UE żdied regolarment permezz ta' trasferimenti addizzjonali, bi flus li jiġu primarjament mir-Riżerva tal-UE ta' Għajnuna f'Emerġenza u minn riallokazzjoni minn linji baġitarji oħra kif ukoll mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Fl-2017, 46.9% tal-fondi ta' ECHO kienu allokati għall-Afrika, 37.9% għal-Lvant Nofsani u l-pajjiżi ġirien tal-Ewropa, 6.1% għall-Asja u l-Paċifiku, 2.7% għall-Amerka Ċentrali u t'Isfel u l-Karibew, 1.5% għal diżastri f'postijiet oħra fid-dinja u 4.7 għal operazzjonijiet u appoġġ komplementari. Interventi kbar ta' għajnuna umanitarja komplew fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien tagħha, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq, fis-Saħel, fil-Qarn tal-Afrika u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fis-Sudan t'Isfel, fil-Jemen u fl-Ukrajna. Emerġenzi

ġodda li ġew bżonn l-assistenza tal-UE inkludew l-uragani Irma u Maria, li affettwaw lill-Karibew. L-UE kompliet ukoll tiffoka fuq il-"kriżijiet minsija" tad-dinja, li għalihom ġie allokat 15% tal-baġit umanitarju inizjali tal-2017.

Il-prijoritajiet politiċi

ECHO qiegħed jaħdem biex itejjeb ir-reazzjoni tiegħu għall-emerġenzi u jipprovdi għajnuna lill-pajjiżi mhux fl-UE biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom waqt li jirrispondu għal kriżijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal żvilupp fit-tul. Il-koordinazzjoni tal-għajnuna umanitarja u ta' żvilupp kif ukoll il-qerda taċ-ċirku vizzjuż tat-tibdil fil-klima, il-ġuħ u l-faqar huma objettivi ewlenin għall-UE.

L-attivitajiet ta' tħejjija għad-diżastri huma wkoll parti mill-enfasi li ECHO jagħmel fuq ir-reżiljenza. L-UE għandha rwol importanti ferm fit-tfassil tal-isforzi tal-komunità internazzjonali fir-rigward tal-interventi ta' mmaniġġjar tar-riskji tad-diżastri. Il-viżjoni ambizzjuża tal-Unjoni għall-futur kienet stabbilita fil-komunikazzjoni ta' April 2014, "Qafas ta' Hyogo għal Azzjoni wara l-2015: immaniġġjar ta' riskji biex tinkiseb reżiljenza", maħruġa bi tħejjija għall-Konferenza Dinjija tan-NU dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

Minħabba l-għadd kbir ta' rifuġjati u ta' persuni spostati, spiss f'sitwazzjonijiet fit-tul, fl-2016 l-UE qablet li tiżviluppa l-approċċ orjentat lejn l-iżvilupp fil-perspettiva ta' spostament furzat. L-UE ser tqiegħed enfasi akbar fuq l-appoġġ tal-inklużjoni soċjoekonomika ta' persuni spostati b'mod furzat u fuq l-indirizzar tal-kawżi profondi ta' spostament fit-tul fil-kuntest tal-Qafas ta' Rispons Komprensiv għar-Rifuġjati tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u l-impenn tal-Bank Dinji fir-rigward tal-ispostament.

L-UE u l-Istati Membri kellhom rwol importanti matul is-Summit Umanitarju Dinji li sar f'Mejju 2016 f'Istanbul. L-UE nnifisha ħadet 100 impenn sabiex tikkontribwixxi għall-"Aġenda għall-Umanità", li kienet ippreżentata waqt is-Summit mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, u biex timplimenta "Grand Bargain", ftehim innovattiv ġdid bejn id-diversi atturi umanitarji sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-effikaċja finanzjarja.

L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru għadhom prijoritajiet għad-DĠ ECHO, li introduċa markatur għall-kwistjonijiet tal-ġeneri għal operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja. F'konformità mal-ħtieġa li tingħata prijorità lill-aktar gruppi vulnerabbli, l-appoġġ lill-edukazzjoni tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza huwa qasam fokali ieħor.

**B.** Strumenti oħra

L-assistenza tal-UE tinkludi tliet strutturi oħra: il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, il-Korpi Volontarji Ewropej ta' Għajnuna Umanitarja u qafas ġuridiku ġdid li jipprovdi appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni.

— Oriġinarjament imwaqqaf fl-2001, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili attwalment jinkludi 34 Stat – it-28 Stat Membru tal-UE flimkien mal-Maċedonja ta' Fuq, l-Iżlanda, il-Montenegro, in-Norveġja, is-Serbja u t-Turkija. Il-mekkaniżmu tal-Unjoni jibni fuq sensiela ta' għodda: (1) Il-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (EERC) tipprovdi ġabra volontarja ta' mezzi ta' reazzjoni diġà impenjati mill-istati parteċipanti u proċess strutturat li jidentifika lakuni potenzjali

fil-kapaċitajiet; (2) Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC) jiffunzjona bħala ċ-ċentru operazzjonali, filwaqt li jiffaċilita l-koordinazzjoni fl-interventi ta' protezzjoni 24/7; (3) Is-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza (CECIS) timmira li ttejjeb il-komunikazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' allert u ta' notifika fuq il-web; (4) Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 tipprevedi wkoll netwerk ta' esperti mħarrġa disponibbli fi żmien qasir.

— Il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja kien previst fl-Artikolu 214(5) tat-Trattat ta' Lisbona u f'Marzu 2014 ġie stabbilit bħala l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. Bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għall-kriżijiet umanitarji, l-inizjattiva għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli f'pajjiżi terzi. Il-baġit tagħha għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 147.0 miljun.

— Ir-regolament dwar l-appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni ġie adottat mill-Kunsill fil-15 ta' Marzu 2016 bl-għan li jirrispondi għas-sitwazzjoni umanitarja diffiċli kkawżata mill-kriżi tar-rifuġjati. Ir-regolament il-ġdid jippermetti li l-UE tgħin lill-Greċja u lil Stati Membri oħra affettwati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet umanitarji tar-rifuġjati. Ir-regolament jista' wkoll jintuża fil-futur biex tirreaġixxi għal kriżijiet jew diżastri eċċezzjonali oħra b'konsegwenzi umanitarji gravi, bħal inċidenti nukleari jew attakki terroristiċi. DĠ ECHO huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu. Massimu ta' EUR 643 miljun f'fondi mill-UE (li jittieħdu mil-linji baġitarji għall-politiki interni u mingħajr riperkussjonijiet għall-assistenza umanitarja f'pajjiżi terzi) ser ikunu disponibbli permezz ta' organizzazzjonijiet sħab, bħall-aġenziji tan-NU, il-Moviment tas-Salib l-Aħmar u organizzazzjonijiet nongovernattivi bejn l-2016 u l-2019.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fil-qasam tal-istrateġija tal-għajnuna umanitarja, il-Parlament jaġixxi bħala koleġiżlatur mal-Kunsill. Il-bażi ġuridika tal-istrateġija tal-għajnuna umanitarja proposta mill-Kummissjoni (regolamenti) tiġi nnegozjata, kif ukoll approvata (jew le), mal-Kunsill u mal-Parlament, b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja tal-UE. Il-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jitressqu wkoll quddiem il-Parlament, li għandu setgħat ta' sorveljanza. Fi ħdan il-Parlament, l-għajnuna umanitarja taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat għall-Iżvilupp (DEVE), u l-protezzjoni ċivili taqa' taħt il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI).

Barra minn hekk, il-Parlament jissorvelja l-għoti tal-għajnuna umanitarja u jfittex li jiżgura li d-dispożizzjonijiet baġitarji jaqblu mal-ħtiġijiet umanitarji. Il-Parlament b'mod regolari evidenzja l-ħtieġa li jiżdiedu l-fondi għall-għajnuna umanitarja u insista li jingħalaq id-distakk li qiegħed jikber bejn l-impenji u l-pagamenti.

Il-Kumitat DEVE, u l-Parlament inġenerali, ippruvaw ukoll – permezz ta' opinjonijiet u riżoluzzjonijiet, inklużi rapporti fuq inizjattiva proprja – li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet strateġiċi u l-orjentamenti ta' politika tal-Kummissjoni, pereżempju dwar il-kontribut tal-UE għas-Summit Umanitarju Dinji, l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u rispons għat-tifqigħa tal-Ebola. Il-Parlament jeżamina mill-ġdid il-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni u l-istrateġija operazzjonali ta' ECHO. Il-Kummissarju jiġi

mistieden b'mod regolari għal skambji ta' fehmiet mal-Kumitat DEVE. L-adozzjoni tal-"Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja" fl-2007 tat risposta ċara dwar il-pożizzjonijiet sodi adottati mill-Parlament. Il-Parlament sostna wkoll kwistjonijiet ta' politika oħrajn, bħar-reżiljenza, is-sigurtà tal-ikel u l-kollegament bejn l-għajnuna umanitarja u l-assistenza għall-iżvilupp. Il-Kumitat DEVE organizza seduta ta' smigħ dwar il-futur tal-għajnuna umanitarja tal-UE fis-27 ta' Frar 2019.

Biex tissaħħaħ is-sorveljanza tal-Parlament fuq l-għajnuna umanitarja, sa mill-2006 il-Kumitat DEVE, kull sentejn, ħatar rapporteur permanenti għall-għajnuna umanitarja. Il-mandat tar-rapporteur jinkludi d-difiża tal-interessi tal-baġit tal-għajnuna umanitarja, il-monitoraġġ tal-programmi tal-għajnuna umanitarja u ż-żamma ta' kuntatti mill-qrib mal-komunità tal-għajnuna umanitarja. Din il-kariga fil-preżent okkupata minn Enrique Guerrero Salom. Huwa responsabbli wkoll minn rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrument ta' għajnuna umanitarja. Il-Parlament iżomm djalogu kostanti mal-Kummissarju Stylianides, li l-aħħar li indirizza l-Kumitat DEVE kien fit-22 ta' Jannar 2019 għal skambju ta' fehmiet dwar il-programm ta' ħidma u l-istrateġija operazzjonali tad-DĠ ECHO fl-2019.

Gonzalo Urbina Treviño
04/2019